Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/912

6.7.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/912

tas-27 ta' April 2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tan-notifiki tal-Istati Membri dwar il-prezzijiet tal-prodotturi tal-frott u l-ħxejjex fis-suq intern

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]) u b'mod partikulari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2026/687 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li jimplimenta l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli se jiġi applikat mill-1 ta' Mejju 2026. L-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni timmonitorja xi prodotti sensittivi fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejriet tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, il-produzzjoni u l-iżviluppi fil-prezzijiet.

(2) L-Anness tar-Regolament (UE) 2026/687 jelenka t-tewm fost il-prodotti sensittivi. Sabiex timmonitorja l-iżviluppi fil-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni teħtieġ disponibbiltà regolari tal-prezzijiet irreġistrati għat-tewm.

(3) Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 ([3]) jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-prezzijiet tal-prodotturi rreġistrati fis-suq intern għall-frott u l-ħxejjex elenkati fl-Anness VI, li ma jinkludux it-tewm.

(4) Għalhekk, biex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fir-Regolament (UE) 2026/687, it-tewm jenħtieġ li jiżdied fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

(5) Meta jitqies li l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli se jiġu applikati mill-1 ta' Mejju 2026, dan ir-Regolament Delegat jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2026/687 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2026 li jimplimenta l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għall-prodotti agrikoli (ĠU L, 2026/687, 19.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/687/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/891/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, ir-ringiela li ġejja tiżdied fi tmiem it-tabella:

"Tewm	Il-varjetajiet kollha	Pakketti bid-daqs ta' 45-60 mm, ta' madwar 2-5 kg	Spanja Franza L-Italja Ir-Rumanija Il-Portugall Il-Polonja"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN